MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 28/2009

**Rita Sultana**

**Vs**

**L-avukat Dottor Monica Vella.**

F’dan il-procediment fadal li tinghata sentenza dwar it-tielet u raba’ talba. Permezz ta’ sentenza li nghatat fis-16 ta’ Marzu 2010, il-qorti ddikjarat lill-konvenuta responsabbli ghad-danni li sofriet l-attrici. Din is-sentenza hi mehtiega ghaliex minkejja d-digriet moghti fit-22 ta’ Dicembru 2009 (fol. 116), l-attrici naqset milli tipprezenta kopja awtentika tad-dikjarazzjoni causa mortis li ghamlet fir-rigward tal-legat imholli lilha minn ommha Caterina Vella li mietet fis-27 ta’ Marzu 2005.

Wara l-ordni li nghatat fis-sentenza tas-16 ta’ Marzu 2010, l-attrici pprezentat kopja tal-causa mortis u ricevuta ta’

hlas li nharget mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (fol. 145-154). Jirrizulta li:-

(a) Il-*causa mortis* saret permezz ta' att pubblikat fil-21 ta' Dicembru 2009 min-nutar Dr Joanne Cauchi.
(b) L-attrici ddikjarat li l-prelegat jikkonsisti fi kwart (1/4) indiviz mid-dar ta' residenza numru 3, Sqaq numru 1, Triq Santa Marija, Xewkija, Ghawdex bil-mandra annessa. Ghalhekk jidher li din il-qorti kienet zbaljata meta fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010 iddikjarat li l-prelegat kien ta' nofs indiviz tal-imsemmi fond.
(c) Fil-*causa mortis* l-attrici ddikjarat li s-sehem mill-fond imholli b'legat ghandu valur ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500). Dan minkejja li l-perit Karmenu Borg kien iccertifika li fid-data tal-mewt ta' ommha l-fond ghandu valur ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) [fol. 91] li jfisser valur ta' €6,250 ghal sehem ta' kwart indiviz. Il-perit Borg ghamel ic-certifikat fuq inkarigu tal-attrici.
(d) Fid-dikjarazzjoni causa mortis jinghad li ***".... d-dar fuq deskritta kienet tikkostitwixxi l-unika residenza ordinarja tad-decujus kif ukoll tikkostitwixxi l-unika residenza ordinarja tal-komparenti Sultana,......"***.
(e) Thallset is-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin ewro (€331) lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li minnhom is-somma ta' tmenin ewro (€80) tirreferi ghall-imghax. Ma jirrizultax l-fatt li d-dikjarazzjoni saret wara z-zmien kontemplat mil-ligi wassal sabiex l-attrici kellha thallas penali.

Fis-seduta tad-9 ta' April 2010 saru sottomissjonijiet verbali mill-avukati dwar id-danni. Ghalkemm il-konvenuta ma pprezentatx nota ta' sottomissjonijiet, b'daqshekk ma jfissirx li ghandu jitqies li ammettiet it-talbiet tal-attrici.

M'hemmx dubju li l-problema principali kienet li l-attrici ma nghatatx kopja awtentika tat-testmenti li ghamlet ommha. Kwistjoni li giet ezawrita fil-mori ta' dawn il-proceduri wara li l-konvenuta sabet it-testmenti originali u ghamlet il-procedura kontemplata mill-Kap. 55 sabiex jinhatar nutar konservatur tal-atti li ppubblikat fiz-zmien qasir li ghamlet tipprattika l-professjoni ta' nutar. Sorvolata din il-materja fil-kors tas-smiegh tal-kawza, irrizulta li fir-realta' d-danni li

qeghda tippretendi l-attrici huma *de minimis* (ara paragrafu numru 6 tas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010.). Il-qorti kienet tistenna li kif instabet is-soluzzjoni ghal kwistjoni principali u mehud in konsiderazzjoni tal-ammont tenwu ta' danni li qeghda tippretendi l-attrici, ma kenitx tkompli tinsisti bit-talbiet taghha.

Hu fatt li meta d-dikjarazzjoni ssir wara sena mit-trasferiment *causa mortis*, il-ligi tikkontempla l-hlas ta' imghax bir-rata ta' 8% *"dwar* ***kull sena jew parti minnha li tiskadi bejn l-ewwel anniversarju tad-data tat-trasferiment causa mortis u d-data tal-eghmil tad-dikjarazzjoni."*** (Artikolu 35(4) tal-Kap. 364). Wara li l-qorti rat l-atti u dak li jipprovdi l-Artikolu 35 tal-Kap. 364 tosserva li:-

(a) Il-perit inkarigat mill-attrici ddikjara li fid-data tal-mewt ta' Carmen Vella, il-fond kellu valur ta' €25,000. L-attrici minn jeddha ddikjarat valur differenti li kien, skond id-difensur taghha, jirrifletti l-valur ta' kuntratti ohra li saru meta akkwistat ishma ohra mill-imsemmi fond u b'hekk riedet tkun uniformi sabiex tevita kwistjonjiet bla bzonn mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Fil-fehma tal-qorti jekk l-attrici ghazlet li zzid il-valur tas-sehem bid-doppju, ma tistax tippretendi li llum il-konvenuta ghandha tbaghti l-konsegwenzi dwar l-imghax fuq id-differenza bejn l-istima tal-perit Borg u l-valur li ddikjarat l-attrici fid-dikarazzjoni. Wara kollox kienet hi li ressqet l-istima tal-perit Borg bhala prova fir-rigward tat-tielet u raba' talba tar-rikors guramentat. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-principju li d-danni ghandhom jigu minimizzati. Dan iwassal sabiex it-taxxa dovuta hi nqas mis-somma ta' €250 (Lm107).

(b) Carmen Vella mietet fis-27 ta' Marzu 2005 u f'dak iz-zmien skond l-l-Artikolu 35(1)(a)(i) tal-Kap. 364, meta ssir l-istima tat-taxxa li tithallas l-ewwel €23,293[1] ma jitqiesux jekk il-fond kien ir-residenza ordinarja tal-persuna li minnha origina t-trasferiment causa mortis, u f'kaz li d-dar ta' abitazzjoni ma tkunx *".... proprjeta assoluta jew mod iehor fil-pussess tal-persuna li minnha t-trasferiment causa mortis ikun origina, l-ammont tal-valur li ma*

[1] Bl-att numru IV tal-2007 l-ammont gie mizjud ghas-somma ta' €35,000.

*ghandux jitqies ghandu jkun dak l-ammont daqskemm hu ta' proporzjon...."* ghas-somma fuq imsemmija. Ghalhekk in-nutar li ppubblikat l-att ghamlet sew meta mill-valur tad-dar naqset is-somma ta' €5,823 (Lm2,500).

(c) Il-qorti tirrileva li fil-kalkoli li ghamlet in-nutar ma gietx applikata r-*rebate* kontemplata fl-Artikolu 34 tal-Kap. 364 u r-regolament 5 tar-Regoli dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferiment[2] (L.S. 364.06)[3] u li tapplika f'dawk il-kazijiet fejn it-taxxa li ghandha tithallas hi inqas minn €2,300. Kieku dan ir-regolament kellu japplika jkun ifisser li m'hijiex dovuta taxxa. Pero' l-attrici m'hijiex intitolata ghal *rebate* minhabba li d-dikjarazzjoni ma saritx fi zmien sitt (6) xhur mid-data tal-mewt ta' ommha (regolament 5[2]).

(d) Ghalhekk il-valur taxxabbli bazata fuq l-istima tal-proprjeta li ghamel il-perit Karmenu Borg, hu ta' €426 b'rata ta' taxxa ta' 3.5% peress li l-fond kien ukoll ir-residenza ordinarja tal-attrici. Ghalhekk it-taxxa hi ta' €14.91 b'imghax ta' €4.77 fuq perjodu ta' erbgha (4) snin.

(e) Il-qorti hi sodisfatta wkoll li l-attrici ghandha dritt li tirkupra l-ispejjez li ghamlet fir-rigward taz-zewg ittri ufficjali li pprezentat u spejjez relatati mal-procedura li ghamlet quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili (ara prospett tad-danni a fol. 86). Kollox fis-somma ta' €109.52. Spejjez li hi nkorriet meta kienet qeghda tipprova taghmel pressjoni fuq il-konvenuta sabiex tirregolarizza l-posizzjoni taghha wara li kienet irrinunzjat ghall-warrant ta' nutar. F'dak l-istadju l-konvenuta kienet qeghda tinsisti li l-atti ma kienux fil-pussess taghha (ara risposta li tat a fol. 8), meta fir-realta' mill-provi rrizulta li kienu fil-pussess taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

---

[2] *"(1) Meta t-taxxa totali li tithallas bir-rati stabbiliti fl-artikolu 32 ta' l-Att fuq il-valur ta' kull proprjetà li jkun hemm f'dikjarazzjoni maghmula minn min jircievi causa mortis skond l-artikolu 33 ta' l-Att imsemmi tkun inqas minn elfejn u tliet mitt euro (2,300), dik it-taxxa ghandha, ghall-finijiet ta' l-artikolu 34 ta' l-Att, ikollha rebate b'ammont ta' €250 u* ***meta dak ir-rebate ikun jaqbez l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas ir-rebate jitnaqqas sa l-ammont ta' taxxa li hekk ghandha tithallas.****"*.

[3] Avviz Legali 98 tal-1993.

**1. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija u erbatax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€114.29)**
**2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' mija u erbatax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€114.29).**

**Spejjez dwar it-tielet u raba' talba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet wara li l-qorti kkunsidrat l-ammont insinifikanti ta' danni u li l-vertenza ma setatx tinghalaq bis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010 ghaliex l-attrici naqset, minkejja li kienet awtorizzata, milli tipprezenta d-dokumenti rilevanti fit-terminu stabbilit fid-digriet tat-22 ta' Dicembru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------